

32006R0643

L 115/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

28.4.2006

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 643/2006****tas-27 ta' April 2006**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità ta' prattiċi u proċessi enoloġiċi, u r-Regolament (KE) Nru 884/2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati tal-applikazzjoni li jikkonċerna d-dokumenti li jakkumpanjaw il-ġarr ta' prodotti tal-inbid u r-rekords li għandhom ikunu miżmuma fis-settur tal-inbid**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

*Artikolu 1*

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(1) u l-Artikolu 70(3) tiegħu,

Ir-Regolament (KE) Nru 1622/2000 emendat skont kif ġej:

Billi:

1) L-Artikolu 15(a) li ġej hu inserit:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000 <sup>(2)</sup> partikolarment jistabbilixxi l-limiti u ċerti kundizzjonijiet għall-użu tas-sustanzi li l-użu tagħhom huwa awtorizzat bir-Regolament (KE) Nru 1493/1999. Il-limiti tal-użu tas-sustanzi msemmija jidhru fl-Anness IV tiegħu. Wara ż-żieda fil-lista tal-prattiċi enoloġiċi awtorizzati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, biż-żieda ta' aċidu assorbiku u ta' dimethyl dicarbonate, hu meħtieġ li jiġu ffixxati l-limiti u l-kundizzjonijiet ta' użu għal dawn is-sustanzi.

*"Artikolu 15a***Dimethyl dicarbonate**

Iż-żieda tad-dimethyl dicarbonate, prevista fl-Anness IV il-paragrafu 3 il-punt zc) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, ma jistax jitwettaq ħliel fil-limiti stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u jekk din tissodisfa l-preskrizzjonijiet li jidhru fl-Anness IX(a) ta' dan ir-Regolament."

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2001 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi r-regoli relatati maż-żamma tar-reġistri tad-dħul u tal-ħruġ u jipprevedi notevolment l-indikazzjoni ta' ċerti manipulazzjonijiet fir-reġistri. Il-karatteristiċi partikolari taż-żieda tal-dimethyl dicarbonate fl-inbejjet jeħtieġu li l-użu tagħha jkun indikat fir-reġistri.

2) L-Anness IV qed jiġi sostitwit bit-test li jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

3) It-test li qed jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament hu mdaħħal bħala l-Anness Ixa.

*Artikolu 2*

(3) Hemm lok li jiġu emendati r-Regolamenti (KE) Nru 1622/2000 u (KE) Nru 884/2001 bħala konsegwenza.

Fl-Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 884/2001, għandu jiżdied l-inċiż li ġej:

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Immaniġġjar għall-Inbid,

*"— iż-żieda ta' dimethyl dicarbonate (DMDC) mal-inbejjet"*

<sup>(1)</sup> ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2165/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 1).

*Artikolu 3*

<sup>(2)</sup> ĠU L 194, 31.7.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1163/2005 (ĠU L 188, 20.7.2005, p. 3).

<sup>(3)</sup> ĠU L 128, 10.5.2001, p. 32. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 908/2004 (ĠU L 163, 30.4.2004, p. 56).

Din ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2006.

*Mill-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX I

## “ANNEX IV

**Restrizzjonijiet dwar l-użu ta' ċerti sustanzi**

(L-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament)

Il-limiti massimi għall-użu tas-sustanzi msemmija fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, u fil-kundizzjonijiet imsemmija, huma li ġejjin:

Sustanzi	Użu għall-għeneb frisk, most tal-għeneb, most tal-għeneb fil-fermentazzjoni, most tal-għeneb fil-fermentazzjoni magħmul minn għeneb imqadded, most konċentrat tal-għeneb u nbid ġdid li jkun għadu fil-fermentazzjoni	Użu għall-most tal-għeneb li jkun parzjalment iffermentat użat għall-konsum dirett mill-bnedmin bħala tali, inbid addattat għall-produzzjoni tal-inbid tal-mejda, inbid tal-mejda, inbid frizzanti, inbid frizzanti bil-gass, inbid semi-frizzanti, inbid semi-frizzanti bil-gass, inbid likuruż u nbejjed ta' kwalità psr
Tħejjija tal-qoxra taċ-ċellola tal-ħmira	40 g/hl	40 g/hl
Dijossidu tal-karbonju		il-kontenut massimu tal-inbid ittrattat b'dan il-mod: 2 g/l
Aċidu L-assorbiku	250 mg/l	250 mg/l; il-kontenut massimu tal-inbid ittrattat b'dan il-mod ma għandux ikun aktar minn 250 mg/l
Aċidu ċitriku		il-kontenut massimu tal-inbid ittrattat b'dan il-mod: 1 g/l
Aċidu metatartariku		100 mg/l
Sulfat tar-ram		1 g/hl bil-kundizzjoni li l-prodott ittrattat b'dan il-mod ma jkollux kontenut ta' ram li jkun aktar minn 1 mg/l
Faħam għal użu oenoloġiku	100 g tal-prodott xott għal kull hl	100 g tal-prodott xott għal kull hl
Imluħa nutrittivi, dijammonju fosfat, jew ammonju sulfat	1 g/l (espress bħala melħ) (*)	0,3 g/l (espress bħala melħ), għat-tħejjija ta' nbejjed frizzanti
Ammonju sulfit jew ammonju bisulfit	0,2 g/l (espress bħala melħ) (*)	
Fatturi ta' tkabbir: Tiamina fil-forma ta' tiamina idroklorida	0,6 mg/l (espress bħala tiamina)	0,6 mg/l (espress bħala tiamina), għat-tħejjija ta' nbejjed frizzanti
Polyvinylpyrrolidone	80 g/hl	80 g/hl
Tartrat tal-kalċju		200 g/hl
Fitjat tal-kalċju		8 g/hl
Lysozyme	500 mg/l (**)	500 mg/l (**)
Dimethyl dicarbonate		200 mg/l; residwi mhux traċċabbli fl-inbejjed imqiegħda fis-suq.

(\*) Dawn il-prodotti jistgħu jkunu wkoll użati flimkien mal-limitu globali ta' 1 g/l, bla ħsara għal-limitu ta' 0,2 g/l ikkwotat.

(\*\*) Meta ż-żieda titwettaq fil-most u fl-inbid, il-kwantità akkumulata ma tistax tkun aktar mil-limitu ta' 500 mg/l."

## ANNEX II

"ANNEX IXa

**Rekwiżiti għad-dimethyl dicarbonate**

(L-Artikolu 15(a) ta' dan ir-Regolament)

**QASAM TA' APPLIKAZZJONI**

Id-dimethyl dicarbonate jista' jiżdied mal-inbid bl-għan li ġej: li tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni mikrobijoloġika tal-inbid fil-flixkun li jkollu zokkor li jista' jiffermenta.

**REKWIŻITI**

- Iż-żieda għandha ssir biss ftit tal-ħin qabel it-tqegħid fil-flixken
- It-trattament ma jistax japplika għall-inbejjed li għandhom kontenut ta' zokkor li jkun ugwali jew aktar minn 5 g/l.
- Id-doża massima ta' użu hi stabbilita fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u l-prodott ma jistax ikun traċċabbli fl-inbid li jitqiegħed fis-suq.
- Il-prodott użat għandu jirrispetta l-kriterji ta' purità stipulati fid-Direttiva 96/77/KE.
- Dan it-trattament għandu jiġi rrekordjat fir-reġistru li għalih jirreferi l-Artikolu 70(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999."